Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-12 t' Ottubru 2023**

**Kump. Nru. 256/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Versus**

**Seyble Grech**
**(Karta tal-Identita' nru. 184105L)**

**Omissis 1**

**Omissis 2**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Seyble Grech**, detentur tal-karta ta' l-identita bin numru 184105L; kontra **Omissis 1**; u kontra **Omissis 2;**

Akkuzati talli bejn Awwissu tas-sena elfejn u tlieta w ghoxrin (2023) u Ottubru tas-sena elfejn u tlieta w ghoxrin (2023) u fix-xhur ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmula minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, talli :

Lil Seyble Grech, Omissis 1 u Omissis 2 flimkien, talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-tieni (02) jum mix-xahar ta' Ottubru u t-tielet jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), fi Triq Hal Saflieni, Paola

u/jew fil-viċinanzi, kkommettew serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' registrazzjoni IBQ153, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Emanuel Scicluna u Rita Scicluna u/jew persuni ohra;
*(Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

2. U aktar talli fit-tielet (03) jum mix-xahar ta' Ottubru, bejn is-sitta u nofs ta' filghodu (06.30am) u l-erbgħa u nofs ta' wara nofs n-nhar (16.30) fi Triq il-Ġdida, Paola u/jew fil-viċinanzi, ikkommettew serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' registrazzjoni ICC901, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Reepaula Vella u/jew persuni ohra;
*(Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Lil Seyble Grech u Omissis 1 flimkien:

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn r-raba' (04) u l-ħames (05) jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) fi Triq il-Fossili, Birżebbugia u/jew fil-viċinanzi, kkommettew serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' registrazzjoni JCH387, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' John Jossekutty Kurisingal u/jew persuni ohra;
*(Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*
4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn r-raba' (04) u l-ħames (05) jum mix-xahar ta' Ottubru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), fi Triq il-Fossili, Birżebbugia u/jew fil-viċinanzi, kkommettew serq ta' mutur tal-għamla KYMCO, Agility 125 bin-numru ta' registrazzjoni LDC047, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin, valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Manuel Galea u/jew persuni ohra;
*(Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Lil Seyble Grech waħdu:

5. U aktar talli fil-lejl tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu u l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin, fi Triq il-Baċir, Msida u/jew fil-viċinanzi, kkommetta serq ta' mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru ta' registrazzjoni KCH153, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin, valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Salama Jarboua w Juan Camilo Amaya de la Torre u/jew persuni ohra;
*(Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

6. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxiehom, u cjoe Passaport Kolombjan bin-numru BA434725; *(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

7. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, malli sar jaf li l-ħaġa u cioe il-Passaport Kolombjan bin-numru BA434725 li kien fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt;
*(Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

8. U aktar talli fl-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), bejn it-tlieta (03.00am) ta' filgħodu w l-erbgħa (04.00am) ta' filghodu fi Triq il-Profs. J.G. Baldacchino, Zabbar u/jew fil-viċinanzi, kkommetta serq ta' quadbike ta' lewn iswed tal-għamla Shineray bin-numru ta' registrazzjoni HBC 996, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin, valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Sylvester Calleja u/jew persuni ohra;
*(Artikoli 261 (b)(c)(f)(g), 263 (a), 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

9. U kif ukoll talli kiser ordni ta' probation mogħtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit nhar it-tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)
*(Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta)*

Lil Omissis 2 waħdu:

10. U aktar talli fit-tnejn u għoxrin (22) jum ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023), bejn il-ħdax (11.00am) ta' filghodu u s-saghtejn ta' wara nofs n-nhar (14.00) fi Triq Triq F.X Attard, Zabbar u/jew fil-viċinanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxiehom, u cioe Scooter tad-ditta Xiaomi Mi Electric Scooter Serial No: 16132/00241840 ta' lewn abjad
*(Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

11. U aktar, talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi malli sar jaf li l-ħaġa li kienet fil-pussess tiegħu kienet ħaġa misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt;
*(Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti hija ġentilment ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2023, il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju tal-akkuzi fil-konfront ta' Seyble Grech.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 278, 279(b), 280(2), 281(b), 334, 334A tal-Kapitolu 9, u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lill-imputat Seyble Grech hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum.**

**In oltre ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lill-hati Seyble Grech taht Ordni ta' Supervizjoni ghal perjodu ta' sentejn (2) millum.**

Il-Qorti **ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** qed tordna wkoll lill-hati Seyble Grech **sabiex jirrestitwixxi** lill-partijiet offizi u cioe' lil Emanuel Scicluna, Rita Scicluna, Reepaula Vella, John Jossekutty Kurisingal, Manuel Galea, Salama Jarboua, Juan Camilo Amaya de la Torre u Sylvester Calleja, kull haga minnu misruqa jew li hu laqa' ghandu b'ricetazzjoni jew akkwista bi frodi jew bi qliegh iehor kontra il-Ligi, **fi zmien xahar (1) millum**.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**